KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 21.2016**

Data: Tlieta 12 ta' April 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Michael Mifsud** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef** | **Kunsillier** |
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 20

2. Punti Mqajjma mill-Minuti

3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

4. Korrispondenza

5. Ordnijiet tal-ġurnata

i) Community Work Placement Providers

ii) Deċiżjoni dwar Tender KLM 04/2015 for Mixed Household

6. Approvazzjoni

- Skeda ta Pagamenti
- Purchase Orders
- Works Orders
- Petty Cash

7. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet **fit-tmienja** ta' filgħaxija.

## 1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 20

Il-minuti tal-għoxrin (20) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

## 2. Punti Mqajjma mill-Minuti

2.1 **Minuta 3.1.2** – Is-Sindku nforma lill-membri li l-proposta tat-tabelli ta Triq Ġorġ Mitrovich ma ġietx approvata minn Transport Malta.

2.2 **Minuta 3.1.3-** Is-Sindku nforma lill-membri li se nitolbu l-avukat tal-Kunsill sabiex jerġa jibgħat notifika lid-Direttur tal-PAMA fuq il-ftehim li kien hemm . Is-Sindku qal ukoll li din id-darba ser ikun ikkuppjat CEO tal-MEPA.

2.3 **Minuta 5a** – Is-Sindku nforma lil-membri li l-Perit tal-Kunsill ta stima sabiex isiru parking bays madwar il-Mosta kollha . Kif ġie diskuss f'laqgħat preċedenti dan ix-xogħol ser isir bl-użu tal-fond ta CPPS. Għaldaqstant issa wasal iż-żmien sabiex nibgħatu email lill-MEPA dwar il-proposti tal-Kunsill. Il-membri qablu unanimament.

2.4 **Minuta 5b** – Dwar Tender KLM 04/2015 – Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien mitlub fil-laqgħat preċedenti is-Segretarju tal-Kunsill talab linja gwida lill Bord tal-Monitoraġġ. F'dan l-istadju is-Sindku talab lis Segretarju biex jinforma lill membri b'din il-linja gwida . Is-Segretarju qal li l-monitoring board infurmana li "*Ġaladarba din is-sejħa ġiet pubblikata , issa trid tiġi aġġudikata u ma tistax tiġi imwaqqfa sempliċiment għax il-Kunsill Lokali iddeċieda li jixtieq ibiddel il-kriterji.*"

Għaldaqstant l-aġent segretarju Eżekuttiv qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi il-Kunsill huwa obbligat li jimxi skont dak li qal il-Bord tal-Monitoraġġ. F'dan Il-mument is-Sindku resaq għall-vot għar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-aġġuddikazzjoni li l-istess bord irrakomanda li dan it-tender għandu jingħata lill-aktar offerent li ġab perċentaġġ għoli .

Il-voti ġew hekk kif jidher hawn taħt.

**Voti Kontra**

| | | |
|---|---|---|
| Edwin Vassallo | - | Sindku |
| Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| Angele Rapa | - | Kunsillier |

**Voti FAVUR**

| | | |
|---|---|---|
| Alex Muscat | - | Kunsillier |
| Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| Karl Tanti | - | Kunsillier |
| Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |

**Astensjoni**

| | | |
|---|---|---|
| Keith Cassar | - | Kunsillier |

F'dan ir-rigward it-Tender KLM 04/2015 intrebaħ minn WM Environmental Ltd .

2.5 **Minuta 6.3** – Is-Sindku nforma lill-membri li l-kunsill bagħat ittra lill Ministeru tal-familja u Solidarjeta dwar il-proposta tal-Kunsill hekk kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa.

2.6 **Minuta 6.5** –Is-Sindku nforma lill-membri li xogħol meħtieġ fi Triq Santa Anna sar.

2.7 **Minuta 6.6** – Is-Sindku nforma lill-membri li ser jikteb uffiċċjalment lil Transport Malta dwar il-Bus Bay ta' Triq il-Kostituzzjoni.

2.8 **Minuta 7.1**- Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien ġie diskuss fil-laqgħa ta qabel is-segretarju talab parir lill-avukat Mifsud dwar dan il-każ. Ir-rakkomandazzjoni ta Dr Mifsud kienet li din it-talba għal ħlas għandha titressaq quddiem il-Bord tal-Monitoraġġ u Sindku rrakomanda li l-Kunsill għandu joqgħod għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Monitoraġġ u kemm il-darba jkun hemm rakkomandazzjoni favur il-ħlas, il-Kunsill jagħmel il-

pagament dovut. Is-Segretarju qara rakkomandazzjoni u rapport li sar mill-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri li bagħat l-avukat Mifsud.

Il-Kunsillier Alex Muscat innega il-punt fejn is-Sur John J. Camilleri kiteb li li anke is-Sur Alex Muscat kien aċċetta li ma jħallasx lis-Sur Marco Briffa.

F'dan ir-rigward is-Sur Muscat qal li provi ta dan qegħdin fil-Minuti ta meta ttieħdet deċiżjoni fi 2012.* Għaldaqstant huwa talba li Segretarju sabiex jipprovdielu kopja ta dawn il-minuti. Is-Segretarju talab lis-Sur Alex Muscat sabiex jikteb ittra formali b'dak li kien qed jgħid, sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista jressaq il-każ komplut quddiem il-Bord tal-Monitoragg.

Is-Segretarju qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi hu jkun aktar komdu li jitlob linja gwida sabiex minn hemm inkunu nistgħu inħarsu il-quddiem.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Avukat Mifsud u qal li hekk tintalab linja gwida u xierqa mill-Bord tal-Monitoraġġ. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament ma din il-proposta.

* meta huwa vota biex jinghata l-kumpens ghal-hmz in lieu

**2.9 Minuta 7.3** – Is-Sindku nforma lil-membri li talba ta Vjal Ragusa ġiet approvata minn Transport Malta.

**3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**4 Korrispondenza**

**4.1 Korrispondenza Nru 1 – Permess għal applikazzjoni tat-tabella fi Triq Salvu Dimech**

Il-Kunsill ressaq korrispondenza fejn qed jitolbu li ssir tabella bir-riklami tal-ħanut tagħhom ġewwa Triq Salvu Dimech . Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed deċiżjoni tagħha fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss wara li l-Kunsill jġib l-informazzjoni dwar il-permessi rigward dawn it-tabelli.

**4.2 Korrispondenza Nru 2 – No Objection Mcast 1-5 Year Exhibition**

Il-Kunsill ressaq korrispondenza fejn Mcast qed jitolbu l-Kunsill li jixtiequ jużaw Teatru Grieg bejn 1-5 ta' Lulju 2016 biex isir Year Exhibition . Il-Kunsill approva din il-korrispondenza billi tinħareġ in-no objection għal din l-attivita. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.3 Korrispondenza Nru 3 – Talba mingħand is-Sinjura Candice Coppola għal leave u reduced hours**

Il-Kunsill qara korrispondenza tas-Sinjura Candice Coppola fejn qegħda tinforma lill-Kunsill li hi ser tidħol lura għax-xogħol fis-16 ta' Gunju 2016 peress li ser tieħu erbgħa ġimgħat leave oħra li huma ntitolati lilha mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali kif ukoll 23 ġurnata leave li iġedded lilha mill-Kunsill fis-sena 2015 .

Is-Sinjura Candice Coppola qed titlob ukoll biex mill-1 ta' Jannar 2017 tkun tista tibda taħdem bir-reduced hours, minħabba raġunijiet tat-tarbija. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.4 Korrispondenza Nru 4 – Stima ta dawl u sound re attivita 8 ta' Awwissu 2016**

Il-Kunsill ressaq korrispondenza mis-Soċjeta Piroteknika 15 ta Awwissu fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jippartecipaw f'din l-attivita kulturali li ser issir fit-8 ta' Awwissu billi jgħinu finanzjarjament fi ħlas ta dwal u sound li jammontaw għal 236 Ewros li jinkludi VAT biex jintużaw waqt din is-serata.

Il-membri tal-Kunsill qablu li din il-korrispondenza għandha tiġi deċiża fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-kunsillier Keith Cassar ġie milub sabiex iressaq proposti rigward kif il-Kunsill jista jgħin lill għaqdiet.

**4.5 Korrispondenza Nru 5 – Mosta Solidali**

Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo ressaq id-dokument tal-Mosta Solidali fejn nforma lill-Kunsill il-programm fid-dettall tal-proġett. Il-membri tal-Kunsill qablu uanimament .

**4.6 Korrispondenza Nru 6 – Garanzija tal-cranes antika**

Il-Kunsill qara din il-korrispondenza fejn ġiet diskussa korrispondenza rigward depositu ta Lm 100 (232.94 Euros) bħala garanzija li din il-persuna ħalliet il-Kunsill fl-2004. Din il-persuna qegħda titlob sabiex tigi rifonduta il-flus lura peress li lestiet mix-xogħlijiet li kellha. Dawn il-flus kienu gew miżmuna peress li hemm każ għaddej ġol-qorti minn naħa tal-Kunsill kontra l-ex Segretarju Eżekuttiv Alphonse Anastasi.

Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Bord tal-Monitoraġġ b'dan il-każ sabiex b'hekk ikollna linja gwida ta kif ser nipproċedu. Il-Kunsill qabel li jimxi ma dak li jgħidlu tal-Bord tal-Monitoraġġ. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

### 4.7 Korrispondenza Nru 7 – Proposta biex Triq il-Ġnejna jsir wiċċ ġdid ta tarmac

Is-Sindku ressaq proposta proponuta minnu u sekondata minn membri tal-Kunsill proposta biex Triq il-Ġnejna jsir wiċċ ġdid ta' tarmak , u din it-triq isir *for residents only except to render a service in nearby streets or for laoding/unloading.*

Is-Sindku qal ukol li teknikament din it-triq ma tista isir triq pedonali filwaqt li hija l-unika triq li twassal għal numru oħra ta toroq fl-istess inħawi fiċ-ċentru antik tal-Mosta.

Is-Sindku qal li jixtieq iressaq din i-proposta lill Mepa sabiex din l-imseja Triq tkun tista ssir mill-fondi tal-UIF . Il-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu ma din il-proposta.

### 4.8 Korrispondenza Nru 8- Proposta biex librerija pubblika jingħatala embellishment

Il-Kunsill qara l-proposta tas-Sindku biex fil-librerija ssir ħidma ta embellishment biex jinqalgħu l-ixkafef kollha minn posthom u jitbajjad il-post mill-ġdid, jinqala tapit , u jsir madum ġdid fuq li hemm .

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-pjan hu li dan ix-xogħol isir mill-persuni li ġejjin mill-faċilita korrettiva ta kordin bħal community workers u apparti minnhekk il-Kunsill ser jitlob formalment għajnuna finanzjarja lill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex ikun jista jsir embellishment ta din il-librerija.

### 4.9 Korrispondenza Nru 9 – Proposta biex jibda tinħadem inizzjattiva Solidarity Neighbourhood Watch

Is-Sindku ressaq proposta li qed jipproponi biex tibda tinħadem l-inizzjattiva bl-Isem "Solidarity Neighbourhood Watch" fejn l-iskop ta din l-inizzjattiva jkun li l-Kunsill ikollu network tal-informazzjoni u ħidma soċjali maħsuba li tnaqqas il-probbabilita li jkollna mill-inqas nies jgħixu f'iżolament soċjali fil-komunita. Din hija ħidma li hija favur l-inklużjoni soċjali u tiġġieled kontra l-iżolament fiżiku u soċjali fil-komunita'.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.10 Korrispondenza Nru 10 – Ittra –Periklu ħdejn Triq Santa Margerita u Triq il-Kbira**

Il-Kunsill ressaq korrispondenza fejn dan ir-resident qed jikteb minħabba periklu li hemm Triq Santa Margerita kantuniera ma Triq il-Kbira kemm ila li ġiet introdotta il-one way taż-żona tal-Wej il-karrozzi u trakkijijiet kbar qed jidħlu ta kuljum min din triq allavolja hemm tabella li tgħid li ma jistgħux jidħlu trakkijiet kbar.

Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza għandha tgħaddi lil Transport Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.11 Korrispondenza Nru 11 Part demolition of Pedestrian Footpath for the allocation of timed parking spaces site at vjal Indipendenza Mosta Requested for clearance from MEPA Application**

Il-Kunsill qara din il-korrispondenza fejn ġie diskuss li dawn qed jitolbu li jsir twaqqigħ ta parti minn bankina biex ikunu tista tiġi ntrodotta l-iskema ta parkeġġ limitat bil-ħin ġewwa Vjal l-Indipendenza.

Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u qabel m'mod unanimu li għandha tiġi approvata u ssir No objection Letter.

## 5 Ordnijiet tal-ġurnata

### 5.1 Community Work Placement Providers

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-Community Work Placement Providers . Wara diskussjoni intlaħaq ftehim sabiex il-Kunsill japplika għal dawn il-ħaddiema. Ġie deċiż wkoll lis-Sur Ivan Bartolo kelu jagħmel pjan sabiex il-Kunsill ikollu nies li jġibu u jieħdu lil dawn il-ħaddiema assenjati lilna mill-faċilita korrettiva ta' Kordin minħabba li l-kuntratt hekk jirrikjedi. Is-Sur Bartolo qal li dawn in-nies li ser jġibu u jieħdu lil dawn il-ħaddiema ser jingħażlu mill-lista ta' nies li offrew li jagħmlu xogħol volontarju. Il-membri qablu unanimament.

### 5.5 Deċiżjoni dwar Tender KLM 04/2015 for Mixed Household

Dan l-item ġie diskuss ara minuta 5 b.

**6 Approvazzjoni**

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**6. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **it-Tlieta 17 ta' Mejju 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-**10.15** ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data: 17/5/2016